31994R2659

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2659/94
tal-31 ta' Ottubru 1994
dwar regoli ddettaljati għall-konċessjoni ta' ħażna privata għall-ġobnijiet Grana Padano, Parmiggiano-Reggiano u Provolone

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Lulju 1968 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti mill-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1880/94 [2], u b'mod partikolari Artikolu 8(4) tiegħu,

Billi r-Regolament (KE) Nru 1880/94 ħassar l-arranġamenti ta' intervent għall-ġobnijiet Grana padano u Parmigiano-Reggiano; billi, b'riżultat ta' dan, għandu jiġi emendat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1107/68 tas-27 ta' Lulju 1968 dwar regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat intervent fis-suq ta' l-ġobnijiet Grana padano u Parmigiano-Reggiano [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1003/94 [4];

Billi, b'riżultat tan-numru kbir ta' emendi magħmula lir-Regolament (KEE) Nru 1107/68, u f'ġieħ iċ-ċarezza, dan ir-Regolament għandu jiġi mħassar u d-dispożizzjonijiet dwar l-iskema tal-ħażna privata għandhom jiġu stabbiliti f'Regolament ġdid;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2496/78 tas-26 ta' Ottubru 1978 dwar regoli ddettajati għall-konċssjoni ta' għajnuna għall-ħażna privata lill-ġobon Provolone [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1002/94 [6], għandu wkoll jiġi mħassar u d-dispożizzjonijiet tiegħu integrati fir-Regolament il-ġdid, bil-ħsieb tal-fatt illi l-bażijiet legali huma identiċi u r-regoli ddettaljati ta' l-applikazzjoni huma ekwivalenti;

Billi Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1756/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 li jiffissa l-okkorrenzi operattivi għar-rata tal- kambju fil-biedja li tapplika għall-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [7], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 180/94 [8], jistabbilixxi r-rata tal-kambju li trid tiġi applikata skond l-għajuna għall-miżuri tal-ħażna privata fis-settur tal-ħalib;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Maniġerjali tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADDOTTAT DAN IR-REGOALMENT:

Artikolu 1

Il-konċessjoni tal-għajnuna għall-ħażna privata pprovvduta f'Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 għandha tkun bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-kuntratti dwar il-ħażna privata għandhom jiġu konklużi bejn l-aġenzija ta' l-intervent innominata mill-Istat Membru u persuna naturali jew legali, minn issa 'l quddiem riferita bħala "il-kuntrattur".

Artikolu 3

Il-konklużjoni tal-kuntratti għall-ħażna privata għandhom ikunu bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ġobnijiet jrid ikollhom il-għomor minimu pprovdut fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 dwar id-data meta tibda l-ħażna taħt il-kuntratt u ma reditx tkun is-suġġett ta' kuntratt tal-ħażna qabel;

(b) kull lott ta' l-ġobnijiet kopert bil-kuntratt irid jiżen mill-inqas żewġ tunnellati metriċi;

(ċ) l-ġobnijiet jridu ikun ta' kwalità b'saħħitha u tajba sabiex titqiegħed fis-suq u jkunu ttimbrata b'mod li ma jitħassarx bi:

— il-marka maħruġa mill-aġenzija maħtura mill-Istat Membru,

— in-numru ta' l-impriża li tkun iffabbrikathom,

— ix-xahar tal-fabbrikazzjoni, li jista' jkun f'kodiċi,

— marka speċjali tal-ħażna mqiegħda fuq l-ġobnijiet meta jittieħdu għall-ħażna sabiex tiddistingwihom minn dawk li mhumiex koperti b'kuntratt tal-ħażna;

(d) min jieħu ħsieb il-maħżen irid jimpenja ruħu li:

— matul l-iskond tal-kuntratt, ma jbiddilx il-kompożizzjoni tal-lott li jkun bla ħsara għall-kuntratt mingħajr l-awtorizazzjoni minn qabel mill-aġenzija ta' l-intervent. Jekk tissokta tiġi sodisfatta l-kondizzjoni li tirrigwarda l-kwantità minima ffissata għal kull lott, l-aġenzija ta' l-intervent tista' tawtorizza bidla li tkun limitata għat-tneħħijja jew il-bdil ta' l-ġobnijiet li jkunu misjuba li ddeterjoraw hekk illi ma jkunux jistgħu jinħażnu iktar.

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 197, tat-30.7.1994, p. 21.
[3] ĠU L 184, tad-29.7.1968, p. 29.
[4] ĠU L 111, tat-30.4.1994, p. 77.
[5] ĠU L 300, tas-27.10.1978, p. 24.
[6] ĠU L 111, tat-30.4.1994, p. 76.
[7] ĠU L 161, tat-2.7.1993, p. 48.
[8] ĠU L 24, tad-29.1.1994, p. 38.

Fl-eventwalità tar-rilaxx ta' ċertu kwantitajiet mill-ħażna:

(i) jekk il-kwantitajiet imsemmija hawn fuq jiġu mibdula bl-awtorizazzjoni ta' l-aġenzija ta' l-intervent, il-kuntratt jiġi meqjus li ma jkun għadda minn l-ebda bidla;

(ii) jekk il-kwantitajiet imsemmija hawn fuq ma jiġux mibdula, il-kuntratt jitqies li jkun ġie konkluż *ab initio* għall-kwantità miżmuma b'mod permanenti.

Kull spiża superviżorja li tinħoloq minn bidla trid tinġarr minn dak li jieħu ħsieb il-maħżen,

— għalbiex iżomm ir-reġistri tal-ħażna u għalbiex jittrasmetti ta' kull ġimgħa lill-aġenzija ta' l-intervent id-dettalji tad-dħul u ta' l-irtirar matul il-ġimgħa ta' qabel,

— għalbiex jippermetti lill-korpi kompetenti li jagħmlu kontrolli f'kull ħin skond l-obbligi tal-kuntratt.

Artikolu 4

Il-kuntratt tal-ħażna għandu jiġi konkluż:

(a) bil-miktub u għandu jispeċifika d-data ta' meta tibda l-ħażna taħt kuntratt, il-kwantità ta' l-ġobnijiet koperti bil-kuntratt u l-ammont tal-għajnuna;

(b) wara t-tkomplija ta' l-operazzjonijiet tal-ħażna għal-lott tal-ġobon kopert bil-kuntratt, imma mhux iktar tard minn 40 jum wara d-data li fiha tibda l-ħażna taħt kuntratt.

Artikolu 5

1. Il-għajnuna tista' tiġi konċessa biss għal perjodu taż-żmien li jaqbeż is-60 jum imma ma jaqbiżx:

— il-180 jum fil-każ tal-Grana padano,

— il-255 jum fil-każ tal-Parmigiano-Reggiano,

— il-150 jum fil-każ tal-Provolone.

2. L-ewwel jum tal-perjodu taż-żmien tal-ħażna taħt il-kuntratt għandu jkun il-jum wara dak li fih il-lott ta' l-ġobnijiet koperti bil-kuntratt jitqiegħed taħt il-kontroll tal-korp kompetenti.

3. Il-ħidmiet tal-ħruġ mill-ħażna jistgħu jibdew fil-jum wara l-aħħar jum tal-perjodu taż-żmien tal-ħażna taħt il-kuntratt.

4. Minkejja l-ewwel inċiż ta' Artikolu 3(d), meta jkun skada l-perjodu taż-żmien ta' 60 jum riferit fil-paragrafu 1, il-kuntrattur jista' joħroġ mill-ħażna l-lott kollu taħt il-kuntratt jew parti minnu. Il-kwantità minima li tista' tinħareġ mill-ħażna għandha tkun ta' 500 kilogramma.

Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu jżidu din il-kwantità b'żewġ tunnellati metriċi.

Artikolu 6

1. L-ammont tal-għajnuna għall-ġobon fil-ħażna privata għandu jkun kif ġej:

(a) 100 ECU għal kull tunnellata metrika għall-ispejjeż fissi;

(b) 0,35 ECU għal kull tunnellata metrika għal kull jum tal-ħażna taħt kuntratt għall-ispejjeż tal-maħżen;

(ċ) ammont għall-ispejjeż finanzjarji, fl-ECU għal kull tunnellata metrika għal kull jum tal-ħażna taħt kuntratt, kif ġej:

— 1,10 fil-każ tal-Grana Padano,

— 1,20 fil-każ tal-Parmiggiano-Reggiano,

— 0,80 fil-każ tal-Provolone.

2. L-ammont tal-għajnuna fl-ECU li japplika rigward il-kuntratt tal-ħażna għandu jkun dak li japplika fl-ewwel jum tal-ħażna taħt il-kuntratt.

3. Il-għajnuna għandha tiġi mħallsa fi żmien 90 jum mill-aħħar jum tal-ħażna li għaliha jkun hemm intitolament għall-għajnuna.

Artikolu 7

1. L-Istat Membru għandu jiżgura illi l-kondizzjonijiet li jikkonċedu l-intitolment għall-ħlas tal-għajnuna jiġu mwettqa.

2. Il-kuntrattur għandu jagħmel disponibbli lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-verifika tat-twettiq tal-miżura kull dokumentazzjoni li tippermetti li jiġu vverifikati l-partikolaritajiet li ġejjin dwar il-prodotti mqiegħda fil-ħażna privata:

(a) il-pussess fil-ħin tad-dħul fil-ħażna;

(b) l-oriġini u d-data tal-produzzjoni ta' l-ġobnijiet;

(ċ) id-data tad-dħul fil-ħażna;

(d) il-preżenza fil-maħżen;

(e) id-data tal-ħruġ mill-maħżen.

3. Il-kuntrattur jew, meta japplika, l-operatur tal-maħżen għandu jżomm reġistri tal-ħażna disponibbli fil-maħżen, li jkopru:

(a) l-identifikazzjoni, skond in-numru tal-kuntratt, tal-prodotti mqiegħda fil-ħażna privata;

(b) id-dati tad-dħul fil-ħażna jew tal-ħruġ minnha;

(ċ) in-numru ta' l-ġobnijiet u l-piż tagħhom, indikat għal kull lott;

(d) il-lokazzjoni tal-prodotti fil-maħżen.

4. Il-prodotti maħżuna jridu jkunu jistgħu jiġu identifikati faċilment u jridu jkunu identifikati individwalment skond il-kuntratt.

5. Mad-dħul fil-ħażna, il-korp kompetenti għandu jagħmel kontrolli b'mod partikolari sabiex jiżgura illi l-prodotti maħżuna huma eleġibli għall-għajnuna u sabiex jipprevjieni kull bidla tal-prodotti matul il-ħażna taħt il-kuntratt, minħajr preġudizzju tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(d).

6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-kontrolli għandhom jindaħlu li:

(a) jagħmlu kontroll għall-għarrieda biex jaraw illi l-prodotti jkunu preżenti fil-maħżen. Il-kampjun interessat irid ikun rappreżentattiv u jrid jikkorrespondi għal mill-inqas 10 % tal-kwantità ġenerali skond il-kuntratt ta' miżura tal-għajnuna lil ħażna privata. Dawn il-kontrolli jridu jinkludu, b'żieda ma'

l-eżami tar-reġistri riferiti fil-paragrafu 3, kontroll fiżiku tal-piż u n-natura tal-prodott u l-identifikazzjoni tiegħu. Dawn il-kontrolli fiżiċi jridu jkollhom x'jaqsmu ma' mill-inqas 5 % tal-kwantità bla ħsara għall-kontrolli għall-għarrieda;

(b) jagħmlu kontroll sabiex jaraw illi l-prodotti jkunu preżenti fit-tmiem tal-perjodu taż-żmien tal-ħażna taħt il-kuntratt.

7. Il-kontrolli skond il-paragrafi 5 u 6 iridu jkun bla ħsara għal rapport li jiddikjara:

— id-data tal-kontroll,

— it-tul taż-żmien tiegħu,

— il-ħidmiet magħmula.

Ir-rapport irid ikun iffirmat minn uffiċċjal responsabli u kontro-ffirmat mill-kuntrattur jew, fejn japplika, minn min jieħu ħsieb il-maħżen.

8. Fil-każ ta' irregolaritajiet li jaffettwaw mill-inqas 5 % tal-kwantitajiet prodotti bla ħsara għall-kontrolli, l-aħħar wieħed għandu jiġi estiż għal kampjun ikbar li jrid jiġi stabbilit mill-korp kompetenti.

L-Istat Membru għandu jinnotifika dawn il-każijiet lill-Kummissjoni fi żmien erbat ijiem.

9. L-Istat Membru jista' jiprovdi biex l-ispejjeż tal-kontrolli jiġu miġrura fl-intier tagħhom jew f'parti minnhom mill-kuntrattur.

Artikolu 8

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1107/68 u (KEE) Nru 2496/78 huma hawnhekk imħassra. Madanakollu, għandhom jissoktaw japplikaw għall-kuntratti konklużi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolaament.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Ottubru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni